SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 03/K9/19

Data tal-laqgħa: 1 t' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Kunsillier John Agius (Inc. 4575/19)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

03.1.01 Il-Kunsillier John Agius talab li jiġi skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill minħabba okażżjoni familjari. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi skużat.

**03.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

03.2.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li titneħħa minn preżenti minħabba li kienet assenti. Din ġiet korretta.

03.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talba f'isem il-Kunsillier John Agius li kien assenti, biex isir korrezzjoni fl-item no. 02.2.05. Iċ-Ċermen wara li ġiet milqugħa l-korrezzjoni xtaqt li jagħmila ċara li huwa filfatt kien qiegħed jipproponi biex issir laqgħa ma' dawk li qegħdin jikru spazju għar-reklam fit-toroq sabiex jiċċara magħhom eżattament in-numru ta' barriers li għandhom installati f'San Ġiljan. Is-Segretarju qal ukoll li huwa ma kienx qiegħed jaċċetta sweeping statement mingħajr ma jkun hemm verifika tas-sitwazzjoni.

03.2.03 Wara l-korrezzjoni li saru, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 02/K9/19

03.2.04 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 02/K9/19

03.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

03.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-bankijiet li kellhom isiru mill-kuntrattur, is-Segretarju nfurmaħ li dawn kienu qed jeħlu pero' kelna numru limitat għax dawk li kien hemm fuq il-*promenade* ntużaw mill-MTA għal-lokalita' oħra.

03.2.07 Il-Kunsill ġie nfurmat ix-xogħol dwar il-latrini pubbliċi tal-Balluta miexi.

03.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar 02.2.04 dwar il-culvert li hemm fi Triq il-Kbira k/m Triq Lapsi, huwa ġie nfurmat li x-xogħol meħtieġ ser isir nhar it-Tnejn li ġej.

03.2.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li min-naħa tiegħu iltaqa' ma' Leon Promotions dwar l-attivita' ta' gruppi kulturali li jtellgħu festivals f'Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir.

03.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana, talab li terġa tiġi mtella' fil-laqgħa s-sejħa tal-supervisor of works.

**Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

03.2.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill erġajna tlabna lid-Direttura Marisa Pisani dwar il-*leasing* tal-Kumpless Dun Anton Sciberras.

03.2.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa kellem lill-kuntrattur li huwa responsabbli mix-xogħolijiet fi Triq Dun Ġużepp Xerri, dan infurmah li x-xogħolijiet ser jibdew iminenti.

**03.3 Traffic Management fil-Village Core**

03.3.01 Saret diskussjoni dwar it-traffic management ġewwa Triq il-Kbira, Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil fuq ċertu prinċipju speċjament biex neliminaw il-fatt li ħafna mit-traffic qiegħed jgħaddi minn Triq il-Kbira sabiex jevita li jgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier u sar qbil li nitolbu laqgħa ma-Traffic Management Board sabiex niddiskutu magħhom uħud mill-proposti biex insolvu din il-problema.

03.3.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-6.45p.m.

**03.4 Mozzjoni Tiswijiet u Upkeep ta' fanali ġewwa San Ġiljan;**

03.4.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qara l-mozzjoni dwar tiswijiet u upkeep ta' fanali ġewwa San Ġiljan. Huwa spjega kif qed ikun hemm dewmien għal meta jiġu rranġati l-bozzoz ġewwa l-lokalita'. Is-Segretarju ta spjegazzjoni li fit-tiswijiet tal-bozzoz hemm involuti tlett entitajiet, il-kuntrattur tal-Kunsill, l-Enemalta u l-MSD u għalhekk ħafna drabi wieħed irid jara eżatt xi tkun il-problema.

03.4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex jitnaqqsu d-dewmien dwar il-bozzoz.

**03.5 Mozzjoni Transport għall-Anzjani;**

03.5.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul spjega l-mozzjoni dwar transport għall-anzjani. Kien hemm qbil li ċ-Ċermen flimkien ma' l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul jiltaqgħu biex ifasslu proposta

waħda u titressaq quddiem il-Kunsill kif ukoll inkunu nistgħu napplikaw għal-premju mobilita'.

**03.6 Preparamenti għall-Festa ta' San Ġiljan;**

03.6.01 Sar qbil fuq dawn l-attivitajiet:

1. Bħal snin preċedenti isir riċiviment żgħir fl-Uffiċċju tal-Kunsill, meta jgħaddu ż-żewġ baned minn quddiem il-Kunsill jiġifieri it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2019 u l-Ħamis 22 ta' Awwissu 2019.

2. Li jsir riċiviment żgħir ħdejn il-Knisja tal-Lapsi nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2019.

3. Jingħata ġurnata off lill-istaff tal-Kunsill fis-26 ta' Awwissu 2019.

4. Li jsir ħasil tat-toroq u tindif speċjalment minn fejn jgħaddi l-Marċ.

5. Il-Kunsill ser jipprova jitlob lill-bank tad-demm sabiex f'waħda mill-ġranet ta' qabel il-festa jġib l-*mobile blood unit* sabiex jingħata d-demm. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli kellha tikkordina din l-attivita'.

**03.7 Talbiet żgħar;**

**03.7.01 Email dwar appell dwar Villa f' Wied Għomor (Inc. 4103/19)**

03.7.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**03.7.02 Ittra dwar finanzi mill-Aġenzija LESA (Inc. 4215/19)**

03.7.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li konna ser nirċievu ammont mingħand l-LESA.

**03.7.03 Email dwar invitation for the future of the European union: current trends and challenges' conference (Inc. 4317/19, Inc 4247/19)**

03.7.03.01 Ser ikun qiegħed jieħu ħsieba l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**03.7.04 Email dwar removal of Bike rack (Inc. 4101/19, 4187/19)**

03.7.04.01 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda l-oġġezzjoni li dawn jerġgħu jeħlu fejn kienu.

**03.7.05 Email dwar Premju Anzjanita' Attiva 2019 (Inc. 4096/19)**

03.7.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi nominat Mons. Ġwann Galea

**03.7.06 Kwotazzjoni dwar irranġar ta' culvert fi Triq Birkirkara (Inc. /19)**

03.7.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser issir.

**03.7.07 Email dwar loading bay and zebra crossings (Inc. 4183/19)**

03.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**03.7.08 Email dwar Ċirk AKL 2019/085 – Stackable Waste Separation Bins (Inc. 4290/19)**

03.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din titela' fuq facebook.

**03.7.09 Email dwar network of towns Europe for citizien partner search (Inc. 4354/19)**

03.7.10.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill u l-Kunsill ma qabilx.

**03.7.10 Email dwar talba għall-bike ride for Puttinu cares (Inc. 4343/19)**

03.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**03.7.11 Email dwar talba għall-permess sabiex ikun hemm servizz ta' kiri ta' roti permess mobile unit (Inc. 4100/19);**

03.7.11.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

**03.7.12 Email dwar request for deferral – Villa Ignatius, Triq Scicluna (Inc. 4323/19);**

03.7.12.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**03.7.13 Email dwar invitation għall-Kunsentmiklos (Inc. /2019)**

03.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jitilgħu 6 kunsilliera u 1 staff u ġew magħżula dawn il-persuni f'din l-ordni: Iċ-Ċermen Albert Buttigieg, il-Kunsillier Guido Dalli, Il-Kunsillier John Agius, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, il-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsillier Sean Gauci filwaqt li l-Viċi Sindku Clayton

Luke Mula u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (f'din l-ordni), ġew magħżula sostituti f'każ li l-Kunsillier John Agius u l-Kunsillier Martin John Sultana ma jaċċetawx minħabba li dawn ma kienux preżenti.

**03.7.14 Email dwar complaint re: garbage contractor (Inc. /2019)**

03.7.15.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar skart li qed jitħalla jinġabar fi Triq Mikielangelo Cagiano, is-Segretarju spjega li konna tkellimna mal-kuntrattur dwar din il-problema għax eventawlment is-sitwazzjoni ġiet rimedjata.

**03.7.16 Email dwar skema finanzjarja favur il-komunita' (Inc. 4297/19, 4293/19)**

03.7.16.01 Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema.

**03.7.17 Email dwar Reklam fil-ktieb tal-Festa ta' San Ġiljan (Inc. 4357/19)**

03.7.17.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**03.8 Skeda tal-Pagamenti;**

03.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A)

03.8.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

03.8.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

03.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**03.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

03.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4760 sa 4781. (Ara Appendiċi 'B')

03.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**03.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

03.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 29 t' Awwissu 2019

03.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 29 t' Awwissu 2019**